# FTIT STORJA MILL-KALKARA TA' FUQ

Il-Kalkara tista' titqies bħala subborg tal-Kottonera. Hi wkoll għandha l-istorja tagħha marbuta ma' dawn l-inħawi tant importanti għall-ġrajja ta' pajjiżna. Dan minkejja l-fatt li bħala post ta' residenza, tista' titqies bħala żvilupp riċenti.

Għax il-Kalkara ta' erba' mitt sena ilu kienet għadha art rurali u f'xi nħawi mitluqa. Minkejja dan, Fra Balbi di Correggio, il-poeta avventurier li kien f'Malta fi żmien l-Assedju l-Kbir, u li miet fit-12 ta' Diċembru 1589, isemmi nħawi tagħha fid-djarju li kiteb dwar il-ġrajjiet ta' l-Assedju ta' l-1565.

**Fiż-żmien ta' l-Assedju**
L-inħawi ta' Rinella kienu diġà magħrufin b'dan l-isem u l-art li llum tagħmel ir-Rikażoli kienet post ta' twehir fis-sena li hemm ġieli ngħataw il-mewt xi furbani u nies oħra li kienu kisruha mal-Liġi. Kienet magħrufa bħala l-Ponta tal-Forka. L-inħawi jissemmew għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għaliex fost l-oħrajn l-għajnuna li mexxa Juan de la Cerda għaddiet min-naħa tas-Salvatur, u t-tieni għax il-Kalkara kienet saret ċentru ta' organizzazzjoni għall-forza Torka mmexxija minn Mustafa Paxà.

Infatti fis-7 ta' Lulju 1565 insibu li t-Torok bdew ilestu pjattaforma kbira għal kanun u poġġew għassa kbira. It-theddid ta' din in-naħa għall-Birgu, kien wassal biex il-Gran Mastru La Valette ordna li jitwaqqgħu xi djar fil-Birgu li kienu mhedda u setgħu ħolqu aktra problemi għall-Maltin. Hu rrapurtat ukoll li kien mar joqgħod f'dar magħrufa tal-Maggordom Louis de Mailloc-Saquenville. Tul il-ġranet ta' Lulju, Balbi jirraporta bosta drabi ċaqliq ta' l-għadu fl-inħawi ta' Rinella u s-Salvatur waqt l-attakki fuq San Mikiel u Sant'Anġlu.

Inċident li spiċċa fi traġedja għall-Maltin, kien meta fit-2 ta' Awissu, għadd ta' Maltin u xi Kavallieri kienu ħarġu biex jattakkaw trunċiera tat-Torok. Fosthom kien hemm Juan Vazquez. Tmienja inqabdu, ġew mogħtija l-mewt u rjushom twaħħlu fuq il-lanez fuq l-għolja tas-Salvatur. Ftit ġranet wara, ċertu Francesco de Aguilar, li kien miżżewweġ Għawdxija, kien ħarab mill-Posta ta' Aragona, il-Birgu u t-Torok ħaduh bil-ferħ il-Kalkara fejn Mustafa Paxà kellu l-kamp tiegħu. Mustafa kellu l-kamp fil-wied tal-Kalkara.

**Is-Salvatur**
Wieħed jinnota li l-inħawi tas-Salvatur kienu magħrufin sewwa. Il-kittieb Ferris irid jgħid li kien hemm kappella żgħira fl-inħawi li ġiet restawrata u mbagħad mibnija mill-ġdid mill-Kavallier Giovanni Bichi fuq disinn ta' Lorenzo Gafà u ġiet imbierka mill-Vigarju Ġenerali, il-Kan. Famucelli, fit-2 ta' Mejju 1651. Bighi miet fl-età ta' 63 sena bil-pesta fl-24 ta' Ġunju 1676. Kien nepputi tal-Papa Alessandu VII li kien

Inkwiżitur f'Malta bejn l-1634-1639. Kien serva fis-servizz navali ta' l-Ordni u kien sar kmand tal-Flotta Papali li kienet topera fil-Lvant flimkien mal-Venezjani u l-Iskwadra Navali tal-Kavallieri. Bħala Ammiral tal-Flotta tal-Papa, kien għex biex jitwaqqaf sptar għall-baħħara f'Civitavecchia fl-Istati Papali. Fl-inħawi tas-Salvatur, bena villa probabbli ftit snin qabel il-pesta, jew aktarx fl-1675. Aktar tard il-post ittieħed biex jiġi żviluppat sptar mill-Ingliżi.

**L-Isptar Bighi**

Il-villa li kien ħalla l-Kav. Bichi għaddiet mit-taqlib ta' l-istorja taż-żmien. Fl-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi fil-1798 kienet kważi ġiet imwaqqa' minħabba li riedu jieħdu t-travi u xogħol ieħor ta' l-injam. Wara ġiet abbandunata u Bichi li kien għen biex jinbena sptar f'Civitavecchia ma setax jobsor li l-villa li kien ħalla kienet xi darba se sservi ta' sptar f'Malta!

L-Ammiral Nelson kien issuġġerixxa li l-post jintuża bħala sptar navali. Tard fl-1803, Dr. John Snipe, tabib tal-Flotta, qabel ukoll ma' l-idea. L-awtoritajiet ta' dak iż–żmien kienu osservaw il-villa mdawwra bil-ġonna u l-egħlieqi li setgħu jipprovdu lariŋ u lumi għall-pazjenti. Forsi ta' min jinnota li dak iż-żmien il-lariŋ ta' Malta kien apprezzat ħafna - ġieli bagħtu qofof lariŋ sa Venezja u l-Bavarja.

Fl-1813 tfaċċat il-pesta u l-villa ntużat bħala sptar u f'Marzu 1829 il-bini ttieħed mill-awtoritajiet Ingliżi. Ta' min jinnota hawn li kienu l-Ingliżi li bdew jgħawwġu l-isem u minn Bichi għamluh Bighi jew xi ħaġa oħra. Fost l-oħrajn fost dawn kien hemm Lord Nelson stess.

L-ewwel ġebla ta' l-isptar Bighi tqegħdet mill-Viċi-Ammiral Sir P. Malcolm fit-23 ta' Marzu 1830 u x-xogħol tlesta sentejn wara. Il-villa originali kienet tokkupa l-parti ċentrali, imma sar tibdil fiha biex tiġi taqbel ma' l-istil arkitettonika ta' l-isptar. Fiha tqegħdu l-kappella l-kwartieri tat-tobba.

L-isptar malajr kiseb fama għas-servizz li kien jingħata fih. Hemm saret l-ewwel applikazzjoni ta' l-anestesija f'Malta fis-6 ta' Marzu 1847 mit-tabib Thomas Spencer Well.

**Konklużjoni**

Hemm iżjed inħawi li għandhom storja f'din in-naħa. Kollha għenu biex jikkareterizzaw il-post u biex jattiraw l-abitanti li bil-mod il-mod taw ħajja lill-villaġġ pittoresk li kiber madwar il-bajja tal-Kalkara.

**Ch. Galea Scannura**
M.A., B.A. (Hons.), B.A. Pat. (Hons), B.A. (Gen.),
Dip. Pat. St., A.C.P. (Lond.), A.R. Hist.S. (Lond.)